

**Dispożittiv**

- 1) *L-appell huwa miċħud.*
- 2) *Petrus Kerstens huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 199, 25.8.2007.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-27 ta' Awwissu 2008  
— Adomex International vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-315/05) (<sup>1</sup>)

*(“Rikors għal annullament — Għajjuna mogħtija mill-awtoritajiet Olandiżi fis-settur tal-florikultura — Deċiżjoni li ma jittqajmox oġġezzjonijiet — Persuna mhux ikkonċernata indi-vidwalment — Inammissibbiltà manifesta”)*

(2008/C 272/49)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Adomex International (Aalsmeer, l-Olanda) (rappreżentanti: G. van der Wal u T. Boesman, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: H. van Vliet u A. Stobiecka-Kuik, aġenti)

**Suġġett**

L-annullament tad-Deċiżjoni C (2005) 592 finali tal-Kummissjoni, tas-16 ta' Marzu 2005, li ma jittqajmox oġġezzjonijiet fir-rigward tal-għajjuna N 372/2003 dwar is-settur tal-florikultura, innotifikata mill-awtoritajiet Olandiżi.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*
- 2) *Adomex International BV hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 281, 12.11.2005.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-3 ta' Settembru 2008  
— Cofra vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-477/07) (<sup>1</sup>)

*(“Rikors għal annullament — Aċċess għad-dokumenti — Irtrrar tad-deċiżjoni li rriġfut l-aċċess — Żvelar ta' dokumenti kontra r-rieda espressa tal-awtur tagħhom — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)*

(2008/C 272/50)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Cofra srl (Bari, l-Italja) (rappreżentant: A. Calabrese, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Costa de Oliveira u G. Conte, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2007 li tirriġfuta lir-rikorrenti l-aċċess għal xi dokumenti mibgħuta mill-awtoritajiet Taljani lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami ta' skema ta' għajjuna mill-Istat.

**Dispożittiv**

- 1) *M'għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.*
- 2) *Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 64, 8.3.2008.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-3 ta' Settembru 2008  
— Nuova Agricast vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-479/07) (<sup>1</sup>)

*(“Rikors għal annullament — Aċċess għad-dokumenti — Irtrrar tad-deċiżjoni li rriġfut l-aċċess — Żvelar ta' dokumenti kontra r-rieda espressa tal-awtur tagħhom — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)*

(2008/C 272/51)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Nuova Agricast (Foggia, l-Italja) (rappreżentant: A. Calabrese, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Costa de Oliveira u G. Conte, aġenti)